MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2452/2003

**L-Avukat Dottor Albert Ganado u**
**ghall-interess li jista jkollha martu Muriel Ganado**

**Vs**

**Lino Sive Carmelo Farrugia personalment u**
**l-istess Lino sive Carmelo Farrugia in rapprezentanza**
**ta Geordie Company Limited jew min minnhom**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta Dicembru 2003 fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira (Lm299) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi kagun ta hsarat fil-proprjeta taghhom u li ghalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti.
Bl-imghax legali dekorribbli minn notifika ta l-ewwel ittra ufficcjali sal-pagament effettiv u bl-ispejjes legali komprizi

dawk tal-ittri ufficcjali tas-27 ta Settembru 2000 u tat-18 ta Settembru 2002 u tal-ittri interpellatorji datati 19 ta Novembru 2001 u 6 ta Gunju 2002 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 29 ta Jannar 2004 fejn gew kontestati t-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet:-
a) nuqqas ta integrita tal-gudizzju in mankanza ta mart il-konvent;
b) In linea preliminary il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta;
c) Il-konvenut proprio et nominee ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li la huwa sid u anqas ma kienu huma li esekwew ix-xogholijiet meritu tal-kaz odjern;
d) Illi fil-meritu jinghad li f'kaz li gew kawzati l-allegati hsarat dawn ma humiex imputabbli ghall-istess konvenuti;
e) Ghad jonqos li jingieb rendikont tal-allegati hsarat;
f) L-ammont pretiz huwa eccessiv.
g) B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-istess konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati jkun opprtun li l-ewwel jigu trattati dawk ta natura preliminari partikolarment dik tal-preskrizzjoni tas-sentejn mill-akkadut sabiex jigi stabbilit jekk tali moghdija ta zmien kienx fil-fatt iddekorra u jekk kienx hemm xi forma ta nterruzzjoni b'xi att gudizzjarju jew b'mod iehor bhal per ezempju xi ammissjoni jew pagament akkont.

Illi skond l-avviz ix-xogholijiet lamentati huma allegati li sehhew fl-ahhar tas-sena 1999 pero mill-provi jirrizulta li dawn kienu gew definittivament konkluzi sas-16 ta Ottubru

1999 kif jidher mill-kont tal-bajjad tal-istess attur. Illi l-kawza odjerna giet intavolata fl-10 ta Dicembru 2003 u notifikata lill-konvenuti fl-1 ta Jannar 2004;

Illi in vista tal-premess ghalhekk l-attur kellu jgib il-prova ta l-interruzzjoni tat-terminu preskrittiv qabel id-dekors ta sentejn u cioe almenu sal-15 ta Ottubru 2001. Fl-avviz huwa jallega li pprezenta zewg ittri ufficcjali wahda datata 27 ta Settembru 2000 u ohra datata 18 ta Settembru 2002, liema atti gudizzjarji, jekk jirrizultaw, iservu proprju biex jinterrompu l-imsemmi perjodu ta preskrizzjoni. Dwar dawn l-interpellanzi ufficcjali pero ma ngabet ebda prova ta xejn, la tal-prezentata taghhom u wisq anqas tal-eventwali notifika o meno taghhom. Illi fl-affidavit tieghu l-attur jaghmel referenza biss ghall-ittra ufficcjali datata 18 ta Settembru 2002, pero jonqos li jgib il-prova relattiva dwarha, cioe naqas li jressaq l-aqwa prova konsistenti fl-esebit tad-dokument innifsu bit-timbru tar-riferta relattiva. Illi dwar l-ewwel ittra ufficcjali datata 27 ta Settembru 2000, l-attur ma jsemmi xejn ghalkemm jindika li kienet saret ittra ufficcjali qabel dik tas-sena 2002 pero ma jsemmi ebda dati. Anke f'dan il-kaz, l-attur naqas li jipproduci d-dokument relattiv biex jissostanzja l-argument tieghu dwar l-interruzzjoni.

Illi mill-banda l-ohra ghalkemm l-attur jallega li kien hemm ammissjoni tal-konvenut fejn indika li kien accetta li jhallas id-danni mitluba, minn ezami tal-process, it-Tribunal jidhirlu li din l-allegazzjoni ma tirrizulta minn imkien. Anzi jidher car li l-konvenut qatt ma kkommettu ruhu ghal hlas tal-istess. Il-kwistjoni tal-assikurazzjoni li saret referenza ghaliha hija biss relazzjoni li tezisti bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat, cioe relazzjoni kontrattwali fejn l-attur ma jidhol imkien. Pero jinghad li anke jek ghas-sahha tal-argument kellu jirrizulta li l-konvenut ghamel claim u jew li ntbghat loss adjuster in segwitu tal-claim tieghu, dana b'ebda mod ma jfisser li tkun saret ammissjoni ta responsabbilita legali fil-konfront tal-allegat vittma.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji t-tieni eccezzjoni eccezzjoni sollevata mill-

konvenuti, jiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta Malta u konsegwentement ghalhekk qed jirrespingi t-talbiet attrici b'dan illi l-ispejejs ta dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------